KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.4.2007
KUMM(2007) 197 finali

2007/0071 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. Qafas politiku u legali

Fl-istrateġija komuni ta' l-UE tal-11 ta' Diċembru 1999 dwar l-Ukraina, il-konklużjoni ta' ftehim dwar ir-riammissjoni ma' dan il-pajjiż kienet waħda mill-miżuri proposti. Fit-13 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali formalment awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehim ta' riammissjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina. F'Awissu 2002, il-Kummissjoni għaddiet abbozz lill-awtoritajiet ta' l-Ukraina u fit-18 ta' Novembru 2002 in żammet fi Kiev l-ewwel laqgħa formali ta' negozjati. Tnax-il sessjoni oħra nżammu alternattivament fi Kiev u Brussell u, sa minn Novembru 2005, flimkien (*"back-to-back"*) ma' negozjati għal ftehim KE-Ukraina għall-faċilitazzjoni tal-viża. Barra minn hekk negozjati formali tħejjew minn żmien għal żmien permezz ta' laqgħat informali ta' esperti.

Fl-aħħar laqgħa formali ta' l-10 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni ppreżentat lin-naħa ta' l-Ukraina "pakkett għal ftehim" dwar iż-żewġ ftehimiet, li inkluda, f'dak li jirrigwarda l-ftehim għar-riammissjoni, proposta għal perjodu tranżitorju ta' sentejn għad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet fil-ftehim li jittrattaw ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat. Fil-25 ta' Ottubru l-Ambaxxatur Ukrain għall-UE informa lill-Kummissjoni li l-Ukraina setgħet taċċetta "il-pakkett għal ftehim", inkluż il-perjodu ta' tranżazzjoni ta' sentejn. It-testi finali tal-ftehimiet tar-riammissjoni u tal-faċilitazzjoni tal-viża ġew inizjalati fis-27 ta' Ottubru 2006 fl-okkażjoni tas-*summit* UE-Ukraina f'Helsinki.

L-Istati Membri kienu informati regolarment u kkonsultati fl-istadji kollha (informali u formali) tan-negozjati tar-riammissjoni.

Min-naħa tal-Komunità, il-bażi legali tal-Ftehim huwa l-Artikolu 63 para. 3 lit. b), flimkien ma' l-Artikolu 300 TKE.

Il-proposti mehmuża jikkostitwixxu l-istrument legali għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim tar-riammissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat formalment dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skond l-Art. 300 para. 3 tat-Trattat KE.

Id-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tistabbilixxi l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta lill-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni mwaqqaf bl-Artikolu 15 tal-Ftehim. Skond l-Artikolu 15 (5), il-kumitat tar-riammissjoni jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Bħal fil-każ tal-ftehimiet l-oħra ta' riammissjoni sa llum konklużi mill-Komunità, il-pożizzjoni tal-Komunità f'dan ir-rigward għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni tal-kumitat speċjali appuntat mill-Kunsill. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet oħra li għandhom jittieħdu mill-Kumitat Konġunt, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tiġi stabbilita skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat.

II. Ir-Riżultat tan-negozjati

Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-għanijiet iffissati mill-Kunsill fid-direttivi tagħha dwar in-negozjar intlaħqu u li l-abbozz tal-Ftehim tar-Riammissjoni huwa aċċettabbli għall-Komunità.

Il-kontenut aħħari tiegħu jista’ jitqassar kif ġej:

- Il-Ftehim huwa mqassam f'7 taqsimiet b'21 artikolu b’kollox. Fih ukoll 8 annessi, li jiffurmaw parti integrali minnu, u 4 dikjarazzjonijiet konġunti u dikjarazzjoni unilaterali waħda ta' l-Ukraina.

- L-obbligi tar-riammissjoni mfassla fil-Ftehim (Artikoli 2 sa 4) huma fformulati b’mod totalment reċiproku, u jinkludu ċ-ċittadini tagħhom stess (Artikolu 2) kif ukoll ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3) u 'r-riammissjoni bi żball' (Artikolu 4).

- L-obbligu li jiġu riammessi ċ-ċittadini tagħhom stess (Artikoli 2) jinkludi wkoll dawk li qabel kienu ċittadini tagħhom u li rrinunzjaw għaċ-ċittadinanza mingħajr ma ħadu ċ-ċittadinanza jew awtorizzazzjoni ta’ residenza ta’ Stat ieħor. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 huwa ssupplimentat b’dikjarazzjoni konġunta dwar it-tiċħid taċ-ċittadinanza.

- L-obbligu li jiġu riammessi ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikolu 3) huwa konness mal-prerekwiżiti li ġejjin: (a) il-persuna kkonċernata kellha fiż-żmien tad-dħul viża valida maħruga mill-Istat li lilu saret it-talba (aktar l-isfel l-istat mitlub) u daħlet direttament mit-territorju ta' dan l-Istat, jew (b) il-persuna kkonċernata kellha fi ż-żmien tad-dħul awtorizzazzjoni ta' residenza valida maħruġa mill-Istat mitlub, jew (c) il-persuna kkonċernata daħlet fit-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba direttament mit-territorju ta’ l-Istat mitlub. Eżenti minn dawn l-obbligi huma l-persuni fi tranżitu min-naħa ta' l-ajru u l-persuni kollha li ngħataw mill-Istat li jagħmel it-talba, viża b’aċċess liberu jew viża jew awtorizzazzjoni ta’ residenza b’perjodu itwal ta’ validità.

- Bħala konsiderazzjoni għall-qbil ta' l-Ukraina ma' l-obbligazzjoni hawn fuq imsemmija dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikolu 3), il-Komunità Ewropea aċċettat li tipposponi għal sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-applikabilità ta' dawn l-obbligazzjonijiet (Artikolu 20 para. 3). Matul dak il-perjodu tranżitorju ta’ sentejn, l-Artikolu 3 tal-Ftehim għandu jkun applikabbli biss għall-persuni mingħajr stat u ċittadini minn pajjiżi terzi li magħhom l-Ukraina kkonkludiet trattati bilaterali jew arranġamenti dwar ir-riammissjoni. Aktar minn hekk, matul dak il-perjodu tranżitorju ta' sentejn, id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet jew arranġamenti bilaterali eżistenti konklużi bejn l-Istati Membri individwalment u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni ta' persuni mingħajr stat u ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jibqgħu japplikaw (Artikolu 17 para 2).

- Dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li dwarhom tkun tat tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, l-Ukraina taċċetta l-użu tad-dokument ta' l-ivjaġġar standard ta’ l-UE għal skopijiet ta’ tkeċċija (Artikolu 3 para. 4).

- Il-Ftehim fih taqsima dwar operazzjonijiet ta’ tranżitu (Artikoli 10 u 11 flimkien ma’ l-anness 6).

- Taqsima III tal-Ftehim (Artikoli 6 sa 9 flimkien ma' l-annessi 1 sa 5) tinkludi d-dispożizzjonijiet tekniċi meħtieġa dwar il-proċedura ta’ riammissjoni (talba għal riammissjoni, mezzi ta’ prova, limiti ta’ żmien, modalitajiet ta’ trasferiment u metodi ta’ trasport). Xi flessibilità proċedurali tiġi mill-fatt li ma tkun meħtieġa ebda

riammissjoni f'każi li fihom il-persuna li tkun se tiġi riammessa jkollha passaport nazzjonali validu u, jekk hu jew hi jkun/tkun ċittadin/a ta' pajjiż terz, ikun/tkun ukoll fil-pussess ta' viża valida jew awtorizzazzjoni ta' residenza ta' l-Istat li jkollu jagħmel ir-riammissjoni tiegħu jew tagħha (Artikolu 5 para 2). Fil-paragrafu 3, l-Artikolu 5 g ħandu element proċedurali importanti ieħor, l-hekk imsejħa proċedura mgħaġġla, li dwarha sar ftehim għall-persuni li jinqabdu fir-"reġjun tal-fruntiera", jiġifieri f'żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u l-Ukraina jew fi ħdan it-territorji ta' portijiet marittimi u ajruporti Internazzjonali ta' Stati Membri jew ta' l-Ukraina. Skond il-proċedura mgħaġġla, l-applikazzjonijiet għar-riammissjoni għandhom jiġu sottomessi, u għandha tingħata tweġiba, fi żmien jumejn tax-xogħol filwaqt li fi proċedura normali, il-limitu ta' żmien għat-tweġibiet huwa ta' 14-il jum kalendarju bid-dritt ta' estensjoni sa 30 jum kalendarju f'każijiet li jkollhom raġuni xierqa.

- L-Artikolu 12 sa l-14 għandhom ir-regoli meħtieġa dwar l-ispejjeż, il-protezzjoni tad-*data* u r-relazzjoni ma' obbligazzjonijiet Internazzjonali oħra.

- Il-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni għandu jiġi kompost, u jkollu x-xogħol u l-poteri, kif imfissra fl-Artikolu 15.

- Biex dan il-Ftehim jiġi eżegwit fil-prattika, l-Artikolu 16 joħloq il-possibbiltà għall-Ukraina li tikkonkludi Protokolli bilaterali ta' implimentazzjoni ma' l-Istati Membri individwali. Ir-relazzjoni bejn il-Prokolli bilaterali ta' implimentazzjoni u dan il-Ftehim hija ċċarata fl-Artikolu 17 para. 1.

- Id-dispożizzjonijiet finali (Art. 18 sa 21) jinkludu r-regoli meħtieġa dwar id-dħul fis-se ħħ, it-terminu ta' żmien, l-emendi possibbli, it-tmiem u l-istatus legali ta' l-annessi tal-ftehim.

- Is-sitwazzjoni speċifika tad-Danimarka hija riflessa fil-preambolu, l-Artikolu 1 lit. b), l-Artikolu 18 para. 2 u f'dikjarazzjoni konġunta mehmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tan-Norveġja u l-Iżlanda ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen hija bl-istess mod riflessa f'dikjarazzjoni konġunta mal-Ftehim.

III. Konklużjonijiet

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi li l-Ftehim ikun iffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill sabiex jaħtar persuna/i bis-setgħa meħtieġa sabiex jiffirmaw f'isem il-Komunità;

- japprova, wara l-konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Ftehim mehmuż bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

BILLI:

(1) B'deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni.

(2) In-negozjati għall-Ftehim saru bejn it-18 ta' Novembru 2002 u l-10 ta' Ottubru 2006.

(3) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim inizjalat f'Helsinki fis-27 ta' Ottubru 2006 għandu jiġi ffirmat.

(4) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta magħha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Soġġett għall-konklużjoni possibbli f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill qed jiġi awtorizzat jinnomina lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni.

---

[1] ĠU C

Magħmul fi Brussell, fil-.....ta'.....2007.

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0071 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3]

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim ma' l-Ukraina dwar ir-riammissjoni;

(2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-.....2007, soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu aktar tard, skond id-Deċiżjoni ...../...../KE tal-Kunsill tal-[.....]

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Huwa xieraq li tiġi prevista proċedura simplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Komunità f'dan il-każ.

(5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta magħha

[2] ĠU C

[3]

jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar ir-riammissjoni qed jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-ftehim hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika msemmija fit-2 paragrafu ta' l-Artikolu 20 tal-Ftehim[4].

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni mwaqqaf bl-Artikolu 15 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 15 (5) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, fil-.....ta'.....2007

Għall-Kunsill
Il-President

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar ir-riammissjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-*Unjoni* Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Anness

FTEHIM
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-UKRAINA DWAR IR-RIAMMISSJONI TA' PERSUNI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

L-UKRAINA,

Determinati li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom sabiex jikkumbattu l-immigrazzjoni illegali b'mod iktar effettiv,

Mħassba biż-żieda sinifikanti ta' gruppi ta' kriminalità organizzati fil-kuntrabandu ta' migranti,

Xewqana li jistabbilixxu, permezz ta' dan il-Ftehim u fuq il-bażi ta' reċiproċità, proċeduri mg ħaġġla u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sigur u regolari ta' persuni li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw, il-kundizzjonijiet tad-dħul, preżenza, jew residenza fit-territorji ta' l-Ukraina jew wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' tali persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni,

Filwaqt li jikkunsidraw li, fil-każi xierqa, l-Ukraina u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea g ħandhom jagħmlu l-aħjar sforzi sabiex jibagħtu ċittadini ta' terzi pajjiżi u persuni mingħajr stat li jkunu daħlu b'mod illegali fit-territorji rispettivi tagħhom, lura fl-Istati ta' l-oriġini jew tar-residenza permanenti,

Filwaqt li jagħrfu l-ħtieġa li jiġu osservati d-drittijiet u l-libertajiet umani, u *jenfasizzaw* li dan il-Ftehim għandu jsir mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-Komunità, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li joħorġu mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-10 ta' Diċembru 1948 u mil-liġi internazzjonali, b'mod partikolari, mill-Konvenzjoni Ewropea ta' l-4 ta' Novembru 1950 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tad-19 ta' Diċembru 1966 u l-istrumenti internazzjonali ta' l-estradizzjoni,

Filwaqt li jieħdu in konsiderazzjoni li l-kooperazzjoni bejn l-Ukraina u l-Komunità fl-oqsma tar-riammissjoni u l-faċilitazzjoni ta' l-ivvjaġġar reċiproku huwa ta' interess komuni,

Filwaqt li jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li jidħol fl-ambitu tat-Titolu

IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka, skond il-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan il-Ftehim:

(a) *"Partijiet Kontraenti"* għandha tfisser l-Ukraina u l-Komunità.

(b) *"Stat Membru"* għandu jfisser kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka.

(c) *"Ċittadin ta' Stat Membru"* għandu jfisser kull persuna li għandha n-nazzjonalità, kif imfissra għall-iskopijiet tal-Komunità, ta' Stat Membru.

(d) "*Ċittadin ta' l-Ukraina*" għandu jfisser kwalunkwe persuna li jkollha n-nazzjonalità ta' l-Ukraina.

(e) *"Ċittadin ta' pajjiż terz"* għandu jfisser kull persuna b'nazzjonalità li m'hijiex ta' l-Ukraina jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri.

(f) *"Persuni mingħajr stat"* għandha tfisser kwalunkwe persuna li ma jkollhiex nazzjonalità;

(g) *"Awtorizzazzjoni tar-residenza"* għandha tfisser ċertifikat ta' kull tip maħruġ mill-Ukraina jew minn wieħed mill-Istati Membri li jintitola persuna tirresjedi fit-territorju tiegħu. Dan m'għandux jinkludi permessi temporanji għall-waqfien fit-territorju tal-pajjiż b'konnessjoni ma' l-ipproċessar ta' talba għall-ażil, talba għall-istatus ta' refuġjat jew talba għall-awtorizzazzjoni ta' residenza.

(h) *"Viża"* għandha tfisser awtorizzazzjoni maħruġa jew deċiżjoni meħuda mill-Ukraina jew minn wieħed mill-Istati Membri li hija meħtieġa għad-dħul, jew għat-tranżitu, fit-territorju tiegħu. Din m'għandhiex tinkludi il-viża tat-tranżitu ta' l-ajruport.

(i) *"L-Istat li jagħmel it-Talba"* għandu jfisser l-Istat (l-Ukraina jew wieħed mill-Istati Membri) li jissottometti talba għar-riammissjoni skond l-Artikolu 5 jew talba għat-tranżitu skond l-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim.

(j) *"L-Istat Mitlub"* għandu jfisser l-Istat (l-Ukraina jew wieħed mill-Istati Membri) indirizzat b'talba għar-riammissjoni skond l-Artikolu 5 jew talba għall-tranżitu skond l-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim.

(k) "*Awtorità Kompetenti*" għandha tfisser kwalunkwe awtorità nazzjonali ta' l-Ukraina jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri inkarigata bl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim skond l-Artikolu 16 tiegħu.

(l) *"Reġjun tal-fruntiera"* għandu jfisser iż-żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u l-Ukraina, kif ukoll it-territorji ta' portijiet marittimi inklużi ż-żoni tad-dwana, u ajruporti Internazzjonali ta' l-Istati Membri u ta' l-Ukraina.

Taqsima I. Obbligazzjonijiet tar-riammissjoni

Artikolu 2

Ir-Riammissjoni taċ-ċittadini proprji

(1) Fuq applikazzjoni ta' l-Istat li jagħmel it-Talba u mingħajr formalitajiet aktar minn dawk provduti f'dan il-Ftehim, l-Istat Mitlub għandu jilqa' mill-ġdid fit-territorju tiegħu lill-persuni kollha li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw, il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul jew waqfien fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba bil-kundizzjoni li jinġiebu provi, skond l-artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, li jkollhom in-nazzjonalità ta' l-Istat Mitlub.

L-istess japplika għal persuni li, wara d-dħul tagħhom fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, jirrinunzjaw għan-nazzjonalità ta' l-Istat Mitlub mingħajr ma jassumu n-nazzjonalità ta' l-Istat li jagħmel it-Talba.

(2) L-Istat Mitlub għandu, kif meħtieġ u mingħajr dewmien, jipprovdi lill-persuna li r-riammissjoni tagħha tkun ġiet aċċettata bid-dokument ta' l-ivvjaġġar b'perjodu ta' validità li ma jkunx anqas minn 6 xhur; dan irrispettivament mir-rieda tal-persuna riammessa. Jekk, għal xi raġunijiet ta' dritt jew ta' fatt, il-persuna kkonċernata ma tistax tiġi trasferita fi żmien il-perjodu ta' validità tad-dokument ta' l-ivvjaġġar inizjalment maħruġ, l-Istat Mitlub għandu, fi żmien 14-il jum kalendarji, jestendi l-validità tad-dokument ta' l-ivvjaġġar jew, fejn meħtieġ, joħroġ dokument ta' l-ivvjaġġar ġdid bl-istess perjodu ta' validità. Jekk l-Istat Mitlub ma jkunx, fi żmien 14-il jum kalendarji, ħareġ id-dokument ta' l-ivvjaġġar, estenda l-validità tiegħu jew, fejn meħtieġ, ġeddu, l-Istat Mitlub għandu jiġi meqjus li aċċetta d-dokument li skada.

Artikolu 3

Ir-Riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Fuq applikazzjoni ta' l-Istat li jagħmel it-Talba u mingħajr formalitajiet aktar minn dawk provduti f'dan il-Ftehim, l-Istat Mitlub għandu jilqa' mill-ġdid fit-territorju tiegħu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw, il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul jew waqfien fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba bil-kundizzjoni li jinġiebu provi, skond l-artikolu 7 ta' dan il-Ftehim, li tali persuni

(a) daħlu b'mod illegali fit-territorju ta' l-Istati Membri direttament mit-territorju ta' l-Ukraina jew daħlu b'mod illegali fit-territorju ta' l-Ukraina direttament mit-territorju ta' l-Istati Membri;

jew

(b) fiż-żmien tad-dħul kellhom awtorizzazzjoni għar-residenza valida maħruġa mill-Istat Mitlub;

jew

(c) fiż-żmien tad-dħul kellhom viża valida maħruġa mill-Istat Mitlub u daħlu fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba direttament mit-territorju ta' l-Istat Mitlub.

(2) L-obbligazzjoni tar-riammissjoni fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika jekk

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kien biss fi tranżitu ta' l-ajru minn Ajruport Internazzjonali ta' l-Istat Mitlub; jew

(b) l-Istat li jagħmel it-Talba jkun ħareġ liċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew lill-persuna mingħajr stat viża jew awtorizzazzjoni għar-residenza qabel jew wara d-dħul fit-territorju tiegħu sakemm

- dik il-persuna ma jkollhiex viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza, maħruġa mill-Istat Mitlub, b'perjodu itwal ta' validità; jew

- il-viża jew l-awtorizzazzjoni ta' residenza maħruġa mill-Istat li jagħmel it-Talba ma tkunx ġiet akkwistata bl-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati.

(c) iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma jkunx jeħtieġ viża għad-dħul fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba.

(3) Fir-rigward ta' l-Istati Membri, l-obbligazzjoni tar-riammissjoni fil-paragrafu 1 b) u/jew c) hija ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza. Jekk tnejn jew aktar Stati Membri ikunu ħarġu viża jew awtorizzazzjoni għar-residenza, l-obbligazzjoni tar-riammissjoni fil-paragrafu 1 b) u/jew c) hija ta' l-Istat Membru li joħroġ id-dokument bl-itwal perjodu ta' validità jew, jekk wieħed jew aktar mid-dokumenti jkunu diġà skadew, id-dokument li jkun għadu validu. Jekk id-dokumenti kollha jkunu diġa' skaduti, l-obbligazzjoni ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 b) u/jew c) hija ta' dak l-Istat Membru li ħareġ id-dokument bid-data ta' skadenza l-aktar riċenti. Jekk tali dokumenti ma jkunux jistgħu jiġu prodotti, l-obligazzjoni tar-riammissjoni fil-paragrafu 1 hija ta' l-Istat Membru li minnu jkunu ħarġu l-aħ ħar.

(4) Wara li l-Istat Mitlub ikun ta tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, l-Istat li jag ħmel it-Talba għandu jipprovdi lill-persuna li r-riammissjoni tagħha tkun ġiet aċċettata

b'dokument ta' l-ivvjaġġar rikonoxxut mill-Istat Mitlub. Jekk l-Istat li jagħmel it-Talba huwa Stat Membru ta' l-UE dan id-dokument ta' l-ivvjaġġar huwa d-dokument standard ta' l-ivvjaġ ġar ta' l-UE għall-iskopijiet ta' tkeċċija bil-forma stabbilita fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE tat-30 ta' Novembru 1994 (Anness 7). Jekk l-Istat li jagħmel it-Talba huwa l-Ukraina dan id-dokument ta' l-ivvjaġġar huwa ċ-ċertifikat ta' ritorn Ukrain (Anness 8).

Artikolu 4

Riammissjoni bi żball

L-Istat li jagħmel it-Talba għandu jieħu lura kwalunkwe persuna riammessa mill-Istat Miltub jekk jiġi stabbilit, fi żmien 3 xhur wara t-trasferiment tal-persuna kkonċernata, li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 2 jew 3 ta' dan il-Ftehim m'humiex sodisfatti.

F'dawn il-każi d-dispożizzjonijiet proċedurali ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw *mutatis mutandis* u l-Istat Mitlub għandu wkoll jikkomunika t-tagħrif disponibbli kollu li jirrigwarda l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li għandha tittieħed lura.

Taqsima II. Proċedura ta' riammissjoni

Artikolu 5

Applikazzjoni għal riammissjoni

(1) Suġġett għall-paragrafu 2, kull trasferiment ta' persuna li ser tiġi riammessa fuq il-bażi ta' wieħed mill-obbligazzjonijiet fl-Artikoli 2 u 3 għandu jeħtieġ is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal riammissjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub.

(2) Jekk il-persuna li għandha tiġi riammessa jkollha dokument ta' l-ivvjaġġar validu jew karta ta' l-identità u, fil-każ ta' ċittadini ta' terzi pajjiżi jew persuni mingħajr stat, viża valida jew awtorizzazzjoni ta' residenza ta' l-Istat Mitlub, it-trasferiment ta' dik il-persuna jista' jsir mingħajr il-ħtieġa ta' applikazzjoni għal riammissjoni jew komunikazzjoni bil-miktub mill-Istat li jagħmel it-Talba lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub.

(3) Bla ħsara għall-paragrafu 2, jekk persuna tinqabad fiż-żona tal-fruntiera ta' l-Istat li jag ħmel it-Talba fi żmien 48 siegħa mill-mument tal-qsim illegali tal-fruntiera ta' l-istat ta' dik il-persuna (inklużi portijiet marittimi u ta' l-ajru) u tkun ġejja direttament mit-territorju ta' l-Istat Mitlub, l-Istat li jagħmel it-Talba jista' jissottometti applikazzjoni għal riammissjoni fi żmien jumejn minn meta din il-persuna tinqabad (proċedura mgħaġġla).

(4) L-applikazzjoni għar-riammissjoni għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji disponibbli kollha tal-persuna li għandha tiġi riammessa (eż. l-ismijiet mogħtija, il-kunjomijiet, id-data u l-post tat-twelid, is-sess u l-aħħar post ta' residenza);

(b) il-mezzi ta' prova tan-nazzjonalità, il-kundizzjonijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta'

pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat.

(5) Safejn hu meħtieġ, l-applikazzjoni għar-riammissjoni għandu jkollha wkoll l-informazzjoni li ġejja:

a) dikjarazzjoni li tindika li l-persuna li ser tiġi trasferita jista' jkollha bżonn għajnuna jew kura, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun qablet b'mod espliċitu mad-dikjarazzjoni;

(b) kull miżura oħra ta' protezzjoni jew sigurtà li tista' tkun meħtieġa fil-każ individwali ta' trasferiment.

(6) Formola komuni li għandha tintuża fl-applikazzjonijiet għar-riammissjoni hija mehmuża b ħala Anness 5 ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Mezzi ta' prova dwar in-nazzjonalità

(1) In-nazzjonalità ta' l-Istat Mitlub skond l-Artikolu 2 (1) ta' dan il-Ftehim tista' tiġi:

(a) ippruvata bi kwalunkwe wieħed mid-dokumenti elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim anke jekk il-perjodu ta' validità tiegħu jkun skada. Jekk tali dokumenti jiġu ppreżentati, l-Istat Mitlub għandu jirrikonoxxi n-nazzjonalità mingħajr ħtieġa ta' aktar investigazzjoni. Il-prova tan-nazzjonalità ma tistax issir permezz ta' dokumenti foloz jew falsifikati.

(b) Stabbilita abbażi ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti elenkati fl-Anness 2 ta' dan il-Ftehim anke jekk il-perjodu ta' validità tiegħu jkun skada. Jekk tali dokumenti jiġu ppre żentati, l-Istat Mitlub għandu jqis in-nazzjonalità bħala stabbilita, sakemm ma jkunx jista' jipprova mod ieħor abbażi ta' investigazzjoni bil-parteċipazzjoni ta' l-awtoritjaiet kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-Talba. In-nazzjonalità ma tistax tiġi stabbilita permezz ta' dokumenti foloz jew falsifikati.

(2) Jekk ma jkun jista' jiġi ppreżentat ebda wieħed mid-dokumenti elenkati fl-annessi 1 jew 2, ir-rappreżentanza diplomatika kompetenti ta' l-Istat Mitlub għandha tagħmel intervista lill-persuna riammessa fi żmien massimu ta' għaxart ijiem kalendarji, sabiex tiġi stabbilita n-nazzjonalità tiegħu jew tagħha. Dan it-terminu ta' żmien jibda jgħodd mid-data tal-wasla ta' l-applikazzjoni għar-riammissjoni.

Artikolu 7

Mezzi ta' prova dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Il-kundizzjonijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat skond l-Artikolu 3 (1) (a) ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu:

(a) ippruvati bi kwalunkwe dokument indikat fl-Anness 3a ta' dan il-Ftehim. Jekk jiġu ppre

żentati tali dokumenti, l-Istat Mitlub għandu jirrikonoxxi d-dħul illegali fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba (jew fl-Istati Membri jekk l-Istat Mitlub ikun l-Ukraina) mit-territorju tieg ħu.

(b) stabbiliti abbażi ta' kwalunkwe dokument indikat fl-Anness 3b ta' dan il-Ftehim. Jekk jiġu ppreżentati tali dokumenti, l-Istat Mitlub għandu jagħmel investigazzjoni u jwieġeb fi żmien massimu ta' 20 jum kalendarju. Fil-każ ta' tweġiba pożittiva, jew jekk ebda tweġiba ma tkun ġiet mogħtija fit-terminu ta' żmien mogħti, l-Istat Mitlub għandu jirrikonoxxi d-dħul illegali fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba (jew ta' l-Istati Membri jekk l-Istat Mitlub ikun l-Ukraina) mit-territorju tiegħu.

(2) Id-dħul illegali fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba skond l-Artikolu 3 (1) (a) ta' dan il-Ftehim għandu jiġi stabbilit permezz ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar tal-persuna kkonċernata fejn il-viża meħtieġa jew awtorizzazzjoni oħra ta' residenza fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba jkunu nieqsa. Dikjarazzjoni motivata kif xieraq mill-Istat li jagħmel it-Talba li l-persuna kkonċernata nstabet mingħajr id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar, il-viża jew l-awtorizzazzjoni ta' residenza meħtieġa għandha wkoll tkun ta' prova *prima facie* tad-dħul, preżenza jew residenza illegali.

(3) Il-kundizzjonijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat skond l-Artikolu 3 (1) (a) ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu:

(a) ippruvati bi kwalunkwe dokument indikat fl-Anness 4a ta' dan il-Ftehim. Jekk tali dokumenti jiġu ppreżentati, l-Istat Mitlub għandu jirrikonoxxi r-residenza ta' tali persuni fit-territorju tiegħu mingħajr ħtieġa ta' aktar investigazzjoni.

b) stabbiliti abbażi ta' kwalunkwe dokument indikat fl-Anness 4b ta' dan il-Ftehim. Jekk jiġu ppreżentati tali dokumenti, l-Istat Mitlub għandu jagħmel investigazzjoni u jwieġeb fi żmien massimu ta' 20 jum kalendarju. Fil-każ ta' tweġiba pożittiva, jew jekk ma jiġix ippruvat mod ieħor, jew jekk ebda tweġiba ma tingħata sa l-iskadenza tat-terminu ta' żmien, l-Istat Mitlub għandu jirrikonoxxi l-waqfa ta' tali persuni fit-territorju tiegħu.

(4) Prova tal-kundizzjonijiet tar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni ming ħajr stat ma tistax tingħata permezz ta' dokumenti foloz jew falsifikati.

Artikolu 8

Limiti ta' żmien

(1) L-applikazzjoni għar-riammissjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub fi żmien massimu ta' sena mid-data li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-Talba tkun għarrfet li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma tissodisfax, jew m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza.

Ma jkunx hemm obbligazzjoni ta' riammissjoni jekk l-applikazzjoni għar-riammissjoni dwar

tali persuni tiġi sottomessa wara l-iskadenza tat-terminu ta' żmien imsemmi. Fejn ikun hemm ostakli ta' dritt jew ta' fatt għall-applikazzjoni li tiġi sottomessa fil-ħin, it-terminu ta' żmien g ħandu, fuq talba, jiġi miżjud sa 30 jum kalendarju.

(2) Bl-eċċezzjoni tat-termini ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 7(1) b) u 7(3) b), applikazzjoni għal riammissjoni għandha tiġi mwieġba mill-Istat Mitlub mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien erbatax-il jum kalendarju mid-data ta' l-irċevuta ta' tali applikazzjoni. Fejn ikun hemm ostakli ta' dritt jew ta' fatt għall-applikazzjoni mwieġba fil-ħin, it-terminu ta' żmien għandu, fuq talba motivata kif xieraq, jiġi miżjud, fil-każi kollha, sa massimu ta' 30 jum kalendarju.

(3) Fil-każ ta' applikazzjoni għal riammissjoni sottomessa taħt il-proċedura mgħaġġla (l-Artikolu 5(3)), għandha tingħata tweġiba fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data ta' l-irċevuta ta' tali applikazzjoni. Jekk meħtieġ, fuq talba motivata kif xieraq mill-Istat Mitlub u wara l-approvazzjoni ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, it-terminu taż-żmien tat-tweġiba għall-applikazzjoni jista' jiġi estiż b'ġurnata waħda tax-xogħol.

(4) Jekk ma jkunx hemm tweġiba fit-termini taż-żmien li għalihom hemm referenza fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi preżunt li t-trasferiment ġie miftiehem.

(5) L-Istat li jagħmel it-Talba għandu jiġi provdut bir-raġunijiet għal ċaħda ta' talba għal riammissjoni.

(6) Wara li tingħata l-aċċettazzjoni jew, fejn applikabbli wara l-iskadenza tat-termini taż-żmien stipulati fit-tieni paragrafu, il-persuna kkonċernata għandha tiġi trasferita mingħajr dewmien skond it-termini miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 9(1) ta' dan il-Ftehim. Fuq talba ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, dan it-terminu ta' żmien jista' jiġi estiż biż-żmien meħud sabiex jiġu ttrattati l-ostakli legali jew prattiċi għat-trasferiment.

Artikolu 9

Modalitajiet tat-trasferiment u modi ta' trasportazzjoni

(1) Qabel it-trasferiment ta' persuna, l-awtoritjaiet kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-Talba u l-Istat Mitlub għandhom jagħmlu arranġamenti bil-miktub bil-quddiem rigward id-data tat-trasferiment, il-post tad-dħul, l-iskorti possibbli u tagħrif ieħor rilevanti għat-trasferiment.

(2) Il-mezzi kollha ta' trasport, kemm jekk bl-ajru, bl-art jew bil-baħar, għandhom jiġu aċ ċettati. It-trasferiment bl-ajru m'għandux jiġi ristrett għall-użu tal-linji nazzjonali ta' l-Istat li jagħmel it-Talba jew ta' l-Istat Mitlub u jista' jsir bl-użu ta' titjiriet skedati u kif ukoll titjiriet *charter*. Fil-każ ta' ħtieġa ta' skorti, tali skorti m'għandhomx jiġu ristretti għal persuni awtorizzati ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, bil-kundizzjoni li dawn ikunu persuni awtorizzati mill-Ukraina jew kwalunkwe Stat Membru.

Taqsima III.

Operazzjonijiet ta' tranżitu

Artikolu 10

Il-Prinċipji

(1) L-Istati Membri u l-Ukraina għandhom jirrestringu t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat għall-każijiet fejn dawn il-persuni ma jistgħux jintbagħtu lura direttament lejn l-Istat tad-destinazzjoni.

(2) L-Istat Mitlub għandu jippermetti t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni ming ħajr stat, jekk it-trasportazzjoni ulterjuri ta' tali persuni fi Stati ta' tranżitu possibbli oħra u r-riammissjoni mill-Istat tad-destinazzjoni jkunu garantiti.

(3) It-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat għandu jsir bl-iskorta, jekk dan ikun mitlub mill-Istat Mitlub. Id-dettalji proċedurali għall-operazzjonijiet ta' tranżitu bi skorta għandhom jiġu stipulati fil-protokolli ta' implimentazzjoni skond l-Artikolu 16.

(4) It-tranżitu jista' jiġi rifjutat mill-Istat Mitlub

(a) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat huwa f'riskju reali li jkun suġġett għal tortura jew trattament inuman jew degradanti jew għal pieni jew għall-piena tal-mewt jew għall-persekuzzjoni minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija tieg ħu f'xi grupp soċjali partikolari jew ta' konvinzjoni politika fl-Istat tad-destinazzjoni jew Stat ieħor ta' tranżitu; jew

b) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ikun suġġett għall-prosekuzzjoni kriminali jew sanzjonijiet fl-Istat Mitlub jew f'xi Stat ieħor ta' tranżitu; jew

c) minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, sigurtà domestika, ordni pubbliku jew interessi nazzjonali oħra ta' l-Istat mitlub.

(5) L-Istat Mitlub jista' jirrevoka kull awtorizzazzjoni maħruġa jekk jinqalgħu jew jitfaċċaw i ċ-ċirkostanzi li għalihom saret referenza fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu li jwaqqfu l-operazzjoni ta' tranżitu, jew jekk il-vjaġġ 'il quddiem minn Stati ta' tranżitu possibbli jew ir-riammissjoni mill-Istat tad-destinazzjoni ma jibqgħux assigurati.

Artikolu 11

Il-proċedura tat-tranżitu

(1) Applikazzjoni għal operazzjonijiet ta' tranżitu għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip ta' tranżitu (bl-ajru, bl-art jew bil-baħar), ir-rotta tat-tranżitu, l-Istati l-oħra ta' tran

żitu, jekk ikun il-każ, u l-Istat tad-destinazzjoni finali;

(b) id-dettalji tal-persuna kkonċernata (l-isem mogħti, il-kunjom, il-kunjom tax-xbubija, ismijiet oħra użati/li bihom hija magħrufa jew psewdonimi, id-data tat-twelid, is-sess u fejn possibbli – il-post tat-twelid, in-nazzjonalità, il-lingwa, it-tip u n-numru tad-dokument ta' l-ivjaġġar);

(c) fejn hu maħsub li ser ikun il-post tad-dħul, il-ħin tat-trasferiment u l-użu possibbli ta' l-iskorti;

(d) dikjarazzjoni li fil-fehma ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, il-kundizzjonijiet skond l-Artikolu 10(2) huma milħuqa, u li ebda raġuni għal ċaħda skond l-Artikolu 10(4) ma hija magħrufa.

Formola komuni li għandha tintuża għall-applikazzjonijiet ta' tranżitu hija mehmuża bħala anness 6 ma' dan il-Ftehim.

(2) L-Istat Mitlub għandu, fi żmien għaxart ijiem kalendarji wara l-irċevuta ta' l-applikazzjoni, jinforma bil-miktub lill-Istat li jagħmel it-Talba bil-kunsens tiegħu għall-operazzjoni ta' tranżitu, filwaqt li jikkonferma l-post tad-dħul u l-ħin previst ta' l-ammissjoni, jew jinformah bil-miktub bir-rifjut tat-tranżitu u r-raġunijiet għal tali rifjut.

(3) Jekk l-operazzjoni ta' tranżitu ssir bl-ajru, il-persuna li għandha tiġi riammessa u l-iskorti possibbli għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jiksbu viża ta' tranżitu ta' l-ajruport.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Mitlub għandhom, wara konsultazzjonijiet reċiproċi, jassistu fl-operazzjonijiet ta' tranżitu, partikolarment permezz tas-sorveljanza tal-persuni kkonċernati u l-għoti ta' faċilitajiet xierqa għal dak l-iskop.

Taqsima IV

Spejjeż

Artikolu 12

Trasport u spejjeż tat-tranżitu

L-ispejjeż kollha tat-trasport magħmula in konnessjoni ma' l-operazzjonijiet ta' riammissjoni u tranżitu skond dan il-Ftehim sal-fruntiera ta' l-Istat tad-destinazzjoni finali għandhom jit ħallsu mill-Istat li jagħmel it-Talba, kif ukoll l-ispejjeż ta' trasport u ta' manteniment ta' l-Istat Mitlub fir-rigward tar-ritorn ta' persuni skond l-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jkun mingħajr ħsara għad-dritt ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-Ukraina li jirkupraw tali spejjeż mingħand il-persuna kkonċernata jew terzi persuni.

Taqsima V

IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA* U L-KLAWŻOLA TA' NUQQAS TA' EFFETT

Artikolu 13

Il-Protezzjoni tad-*data*

Il-komunikazzjoni ta' *data* personali għandha sseħħ biss jekk komunikazzjoni bħal din hija meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina jew Stat Membru skond il-każ. Meta ssir komunikazzjoni, proċessar jew trattament ta' *data* personali f'każ partikolari, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina għandhom jirrispettaw il-liġi rilevanti ta' l-Ukraina, u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u l-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru adottati skond din id-direttiva.

Għandhom japplikaw ukoll il-prinċipji li ġejjin:

(a) id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod ġust u legali;

(b) id-*data* personali għandha tinġabar għall-għan speċifiku, espliċitu u leġittimu ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ma tistax terġa' ti ġi pproċessata mill-awtorità li tkun qed tikkomunika u lanqas mill-awtorità li tkun qed tirċievi b'mod li ma jkunx jaqbel ma' dan il-għan;

(c) id-*data* personali għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni ma' l-għan li għalih tinġabar u/jew tkun ipproċessata aktar; partikolarment, *data* personali komunikata tista' tikkonċerna biss dan li ġej:

– id-dettalji tal-persuna li ser tiġi trasferita (l-ismijiet mogħtija, il-kunjom, ismijiet oħra użati/li bihom hija magħrufa jew psewdonimi, is-sess, l-istat ċivili, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità attwali u kwalunkwe nazzjonalità preċedenti);

– il-passaport, il-karta ta' l-identità jew il-liċenzja tas-sewqan u identifikazzjonijiet oħra jew dokumenti ta' l-ivvjaġġar (in-numru, il-perjodu ta' validità, id-data tal-ħruġ, l-awtorità li ħarġitu, il-post tal-ħruġ);

– waqfiet u itinerarji;

– informazzjoni oħra li tkun meħtieġa biex tiġi identifikata l-persuna li tkun ser tiġi trasferita jew biex jiġu eżaminati r-rekwiżiti tar-riammissjoni skond dan il-Ftehim;

(d) id-*data* personali għandha tkun eżatta u, fejn meħtieġ, miżmuma aġ ġornata.

(e) id-*data* personali għandha tinżamm b'mod li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal mhux iktar milli hu meħtie

ġ għall-għan li għalih id-*data* ġiet miġbura jew li għalih qed tiġi pproċessata aktar;

(f) kemm l-awtorità li tikkomunika u kif ukoll l-awtorità li tkun qed tirċievi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw kif ikun xieraq ir-rettifika, it-tħassir jew it-twaqqif ta' *data* personali fejn l-ipproċessar ma jkunx jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, b'mod partikolari minħabba l-fatt li d-*data* ma tkunx adegwata, rilevanti, preċiża, jew tkun eċċessiva fir-rigward ta' l-iskop ta' l-ipproċessar. Din tinkludi n-notifika ta' kwalunkwe rettifika, tħassir jew twaqqif lill-Parti l-oħra;

(g) fuq talba, l-awtorità li tirċievi għandha tinforma lill-awtorità li tikkomunika bl-użu tad-*data* kkomunikata u bir-riżultati miksuba minnhom;

(h) id-*data* personali tista' tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet kompetenti. Komunikazzjoni ulterjuri lill-korpi oħra tinħtieġ il-kunsens bil-quddiem ta' l-awtorità li tkun qed tikkomunika;

(i) l-awtoritajiet li jikkomunikaw u li jirċievu huma obbligati li jagħmlu reġistrazzjoni bil-miktub tal-komunikazzjoni u ta' l-irċevuta tad-*data* personali.

Artikolu 14

Klawżola ta' nuqqas ta' effett

(1) Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara għad-drittijiet, l-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Komunità, l-Istati Membri u l-Ukraina taħt il-Liġi Internazzjonali u, b'mod partikolari, taħt kwalunkwe Konvenzjoni jew ftehim Internazzjonali applikabbli li fihom huma parti, inklużi dawk li għalihom hemm referenza fil-Preambolu.

(2) Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jfixkel ir-ritorn ta' persuna taħt arranġamenti formali jew informali oħra.

Taqsima VI

Implimentazzjoni u applikazzjoni

Artikolu 15

Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni

(1) Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lil xulxin assistenza reċiproka fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, huma għandhom

iwaqqfu *kumitat konġunt tar-riammissjoni* (aktar l-isfel indikat bħala *"il-kumitat"*), li għandu jkollu l-ħidmiet u l-kompetenzi li ġejjin:

(a) li jimmonitorja l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u jkollu skambji regolari ta' informazzjoni dwar il-Protokolli ta' implimentazzjoni mfassla mill-Istat Membri individwali u l-Ukraina skond l-Artikolu 16.

(b) li jipprepara proposti u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal emendi għal dan il-Ftehim;

c) li jiddeċiedi fuq l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti li jkunu meħtieġa għall-applikazzjoni uniformi ta' dan il-Ftehim;

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jorbtu lill-Partijiet.

(3) Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u l-Ukraina; il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri.

(4) Il-Kumitat għandu jiltaqa' meta meħtieġ fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti.

(5) Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 16

Protokolli ta' implimentazzjoni

(1) L-Ukraina u Stat Membru jistgħu jabbozzaw Protokolli ta' implimentazzjoni li għandhom ikopru regoli fuq:

a) in-nominazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti;

(b) il-postijiet ta' qsim il-fruntiera għat-trasferiment ta' persuni;

(c) il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;

d) il-modalitajiet tar-ritorn taħt il-proċedura mgħaġġla;

e) il-kundizzjonijiet ta' ritorni bi skorta ta' persuni, inkluż it-tranżitu bi skorta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat;

f) il-mezzi u d-dokumenti addizzjonali sabiex dan il-ftehim jiġi implimentat;

g) il-modi u l-proċeduri sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż in konnessjoni ma' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 12 ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-protokolli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ biss

wara li l-Kumitat tar-Riammissjoni, imsemmi fl-Artikolu 15, ikun ġie notifikat.

(3) L-Ukraina taqbel li kwalunkwe dispożizzjoni li tirrigwarda l-paragrafu 1 lit. d), e), f) jew g) ta' Protokoll ta' implimentazzjoni abbozzat ma' Stat Membru għandha tiġi applikata wkoll fir-relazzjonijiet tagħha ma' kwalunkwe Stat Membru ieħor fuq talba ta' dan ta' l-aħħar.

Artikolu 17

Relazzjoni mal-ftehimiet ta' riammissjoni bilaterali ta' l-Istati Membri

(1) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jieħdu l-preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bilaterali jew strument ieħor li jorbot legalment dwar ir-riammissjoni ta' persuni li ġie jew jista' jiġi konklużż, taħt l-Artikolu 16, bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina, dan sakemm id-dispożizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar ma jaqblux ma' dawk ta' dan il-Ftehim.

(2) Id-dispożizzjonijiet għar-riammissjoni ta' persuni mingħajr stat u ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' ftehimiet bilaterali jew strumenti oħra li jorbtu legalment li kienu ġew konklużi bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina għandhom jibqgħu japplikaw matul il-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 20 (3).

Taqsima VII. Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 18

Applikazzjoni territorjali

(1) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għat-territorju ta' l-Ukraina.

(2) Dan il-Ftehim m'għandux japplika għat-territorju tar-Renju tad-Danimarka.

Artikolu 19

Emendi għall-Ftehim

Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat u supplimentat bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet Kontraenti. L-emendi u ż-żidiet għandhom jiġu abbozzati fil-forma ta' protokolli separati, li għandhom jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim, u jidħlu fis-seħħ skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 20 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ, terminu ta' żmien u tmiem

(1) Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

(2) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri li għalihom saret referenza fl-1 paragrafu jkunu ġew konklużi.

(3) L-obbligazzjonijiet imfissra fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim għandhom jibdew japplikaw biss sentejn wara d-data msemmija fit-2 paragrafu ta' dan l-Artikolu. Matul dak il-perjodu ta' sentejn, għandhom japplikaw biss għall-persuni mingħajr stat u ċittadini minn pajjiżi terzi li magħhom l-Ukraina kkonkludiet trattati bilaterali jew arranġamenti dwar ir-riammissjoni. Kif jistipula l-Artikolu 17 (2), id-dispożizzjonijiet għar-riammissjoni ta' persuni mingħajr stat u ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' ftehimiet bilaterali jew strumenti oħra li jorbtu legalment li kienu ġew konklużi bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina għandhom jibqgħu japplikaw matul dan il-perjodu ta' sentejn.

(4) Dan il-Ftehim huwa konklużż għal żmien mhux limitat.

(5) Kull waħda mill-Partijiet tista' toħroġ minn dan il-Ftehim billi tinnotifika b'mod uffiċjali lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim għandu jiġi mwaqqaf sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

Artikolu 21

Annessi

L-Anness 1 sat-8 għandhom jagħmlu parti integrali minn dan il-Ftehim.

Magħmul fi ..... fil- ..... ta' ..... fis-sena ..... f'żewġ kopji bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Iżvediż u l-Ukrain, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea	Għall-Ukraina
(…)	(…)

Anness 1

Lista komuni ta' dokumenti

dwar in-nazzjonalità

(Artikolu 6 (1) lit. a))

– passaporti ta' kull tip (passaporti nazzjonali, passaporti diplomatiċi, passaporti tas-servizz, passaporti kollettivi u passaporti alternattivi inklużi l-passaporti tat-tfal);

– karti ta' l-identità nazzjonali (inklużi dawk temporanji u proviżorji);

– kotba tas-servizz militari u karti ta' l-identità militari;

– kotba tar-reġistrazzjoni tal-baħħara, karti tas-servizz tal-kaptani u passaporti tal-baħħara;

– ċertifikati taċ-ċittadinanza u dokumenti uffiċjali oħra li jsemmu jew jindikaw iċ-ċittadinanza.

Anness 2

Lista komuni ta' dokumenti dwar in-nazzjonalità

(Artikolu 6 (1) lit. b))

- fotokopji ta' kwalunkwe mid-dokumenti elenkati fl-Annes 1 ta' dan il-Ftehim;
- liċenzji tas-sewqan jew fotokopji tagħhom;
- ċertifikati tat-twelid jew fotokopji tagħhom;
- karti ta' l-identità tal-kumpanija jew fotokopji tagħhom;
- dikjarazzjonijiet mix-xhieda;
- dikjarazzjonijiet magħmula mill-persuna kkonċernata u l-lingwa mitkellma minnu jew minnha, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe test uffiċjali magħmul sabiex tiġi stabbilita n-nazzjonalità tal-persuna. Għal finijiet ta' dan l-Anness, it-terminu 'test uffiċjali' għandu t-tifsira ta' test kummissjonat jew magħmul mill-awtoritatjiet ta' l-Istat li jagħmel it-Talba u validat mill-Istat Mitlub;
- kwalunkwe dokument ieħor li jista' jgħin sabiex tiġi stabbilita n-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata.

Anness 3

Lista komuni ta' dokumenti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(Artikolu 7(1))

Anness 3a

– dikjarazzjonijiet uffiċjali magħmula għall-finijiet tal-proċedura mgħaġġla, b'mod partikolari, mill-istaff awtorizzat ta' l-awtorità tal-fruntiera li jistgħu jixhdu dwar il-persuna kkonċernata li taqsam il-fruntiera direttament mill-Istat Mitlub għat-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba;

– biljetti bl-isem tat-traġitti bl-ajru, bil-ferrovija, bil-kowċ jew b'bastiment, li jixhdu l-preżenza u l-itinerarju tal-persuna kkonċernata mit-territorju ta' l-Istat Mitlub direttament għat-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba (jew l-Istati Membri jekk l-Istat Mitlub ikun l-Ukraina);

– listi ta' passiġġieri ta' traġitti bl-ajru, bil-ferrovija, bil-kowċ jew b'bastiment li jixhdu l-preżenza u l-itinerarju tal-persuna kkonċernata mit-territorju ta' l-Istat Mitlub direttament għat-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba (jew l-Istati Membri jekk l-Istat Mitlub ikun l-Ukraina);

Anness 3b

– dikjarazzjonijiet uffiċjali magħmula, b'mod partikolari, mill-istaff ta' l-awtorità tal-fruntiera ta' l-Istat li jagħmel it-Talba u xhieda oħrajn li jistgħu jixhdu dwar il-persuna kkonċernata li taqsam il-fruntiera;

– dokumenti, ċertifikati u kontijiet ta' kull tip (eż. kontijiet tal-lukanda, karti ta' appuntamenti mat-tabib/dentist, karti tad-dħul f'istituzzjonijiet pubbliċi/privati, skritturi ta' kiri ta' vettura, riċevuti ta' karta ta' kreditu eċċ.) li juru b'mod ċar li l-persuna kkonċernata kienet fit-territorju ta' l-Istat Mitlub;

– informazzjoni li turi li l-persuna kkonċernata użat is-servizzi ta' kurrier jew aġenzija ta' l-ivvjaġġar;

– dikjarazzjoni uffiċjali tal-persuna kkonċernata fi proċeduri ġudizzjari jew amministrattivi;

Anness 4

Lista komuni ta' dokumentidwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(Artikolu 7(2))

Anness 4a

– viża valida u/jew awtorizzazzjoni ta’ residenza maħruġa mill-Istat Mitlub;

– timbri tad-dħul/ħruġ jew approvazzjoni simili ta’ dokument ta’ l-ivvjaġġar tal-persuna kkonċernata jew provi oħra tad-dħul/ħruġ;

Anness 4b

Fotokopji ta' kwalunkwe mid-dokumenti elenkati fl-Anness 4a.

Anness 5



[Emblema ta' l-Ukraina]

.....…… .....……..…
… …

(Post u data)

.....
…

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-talba)

Referenza: .....…

❑ PROĊEDURA MGĦAĠĠLA

Għal

.....
…

.....……
….

.....
….

(Ħatra ta' l-**awtorità kompetenti ta' l-istat mitlub**)

APPLIKAZZJONI GĦAL RIAMMISSJONI

skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim tal-.....

bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

dwar l-awtorizzazzjoni tar-riammissjoni ta' persuni

A. Dettalji personali

Ritratt

1. Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....

2. Kunjom xbubitek:

.....

3. Data u post tat-twelid:

.....

4. Indirizz tar-residenza fl-istat ta' l-oriġini jew tar-residenza permanenti (jekk magħruf)

.....
...

5. Nazzjonalità u lingwa:

.....

6. Stat ċivili: miżżewweġ/miżżewġa mhux miżżewweġ/miżżewġa divorzjat/a armel/armla

Jekk miżżewweġ/miżżewġa:

isem tar-raġel/mara.....

Ismijiet u etajiet tat-tfal (jekk hemm).....

7.Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

.....

8. Magħruf/a ukoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom magħruf/a jew psewdonimi):

.....
...

Jekk miżżewweġ/miżżewġa:isem tar-raġel/mara.....

Ismijiet u etajiet tat-tfal (jekk hemm).....

indirizz fl-Istat li jagħmel it-talba:

.....

B. Mezzi ta' provi mehmuża

1..... .....
....

(Numru tal-Passaport)

(data u post tal-ħruġ)

....
….

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

2..... .....
….

(Nru. tal-karta ta' l-identità) (data u post tal-ħruġ)

....
….

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

3..... .....
….

(Nru. tal-liċenzja tas-sewqan) (data u post tal-ħruġ)

....
….

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

4..... .....
….

(Nru. ta' dokument uffiċjali ieħor) (data u post tal-ħruġ)

....
….

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

C. Ċirkostanzi speċjali dwar il-persuna trasferita

1. Stat ta' saħħa

(eż. referenza possibbli għal kura medika speċjali; isem Latin ta' mard):

.....

2. Indikazzjoni ta' persuna partikolarment perikoluża

(eż. suspettata b'reat serju; imġiba aggressiva):

.....

D. Osservazzjonijiet

.....
…

.....……
…

……..

.....

(Firma ta’ l-awtorità kompetenti ta’ l-Istat li jagħmel it-talba)

Anness 6



[Emblema ta' l-Ukraina]

.....…… .....……..…
… …

..... (Post u data)
…

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-talba)

Referenza: .....……

Għal

.....
…

.....……
….

.....
….

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-istat mitlub)

APPLIKAZZJONI TA' TRANŻITU

skond l-Artikolu 11 tal-Ftehim tal-.....

bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

dwar ir-riammissjoni ta' persuni

A. Dettalji personali

Ritratt

1. Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....

2. Kunjom xbubitek:

.....

3. Data u post tat-twelid:

.....

4. Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

……....

5. Magħruf/a ukoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom magħruf/a jew psewdonimi):

.....……...

6. Nazzjonalità u lingwa:

.....…….....

B. *<u>Operazzjoni ta' tranżitu</u>*

1. Tip ta' tranżitu

   ❑ bl-ajru ❑ bil-baħar ❑ fuq l-art

2. L-Istat tad-destinazzjoni finali

……

3. Stati oħra possibbli ta' tranżitu

……....

4. Punt propost ta' qsim il-fruntiera, data, ħin tat-trasferiment u skorti possibbli

……

……

……

5. Ammissjoni garantita fi kwalunkwe Stat ieħor ta' tranżitu u fl-Istat tad-destinazzjoni finali (L-Artikolu 10 paragrafu 2)

❑ iva ❑ le

6. Għarfien ta' kwalunkwe raġuni għal caħda ta' tranżitu
(L-Artikolu 10 paragrafu 4)

❑ iva ❑ le

C.Osservazzjonijiet

.....

.....

.....
.

.....……

.....

(Firma ta' l-awtorità kompetenti ta' l-istat li jagħmel it-talba) (Siġill/timbru)

Anness 7

Dokument ta' l-ivvjaġġar standard ta' l-UE għal skopijiet ta' tkeċċija

(Skond il-forma stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE tat-30 ta' Novembru 1994)

Anness 8

Ċertifikat ta' Ritorn Ukrain

Dikjarazzjoni ta' l-Ukraina

"Dokument ta' l-ivvjaġġar" għandu jfisser dokument validu għas-safar maħruġ mill-Ukraina, wieħed mill-Istati Membri ***jew l-istat taċ-ċittadinanza jew tar-residenza permanenti tal-persuna li għandha tiġi riammessa.***

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda l-Artikolu 2(1)

Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li, skond il-liġijiet tan-nazzjonalità ta' l-Ukraina u ta' l-Istati Membri, m'huwiex possibbli li ċittadin ta' l-Ukraina jew ta' l-UE jiġi mċaħħad min-nazzjonalità tiegħu jew tagħha **mingħajr ma jassumi nazzjonalità oħra**.

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jikkonsultaw lil xulxin fi żmien xieraq, fil-każ li din is-sitwazzjoni legali tinbidel.

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna lid-Danimarka

Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li dan il-Ftehim ma japplikax għat-territorju tar-Renju tad-Danimarka, u lanqas ma japplika għaċ-ċittadini tar-Renju tad-Danimarka. F'ċirkostanzi bħal dawn huwa xieraq li l-Ukraina u d-Danimarka jikkonkludu ftehim ta' riammissjoni fl-istess termini ta' dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna l-Iżlanda u n-Norveġja

Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen. F' ċirkostanzi bħal dawn huwa xieraq li l-Ukraina tikkonkludi man-Norveġja u l-Iżlanda ftehim ta' riammissjoni fl-istess termini ta' dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar Għajnuna Teknika u Finanzjarja

Iż-żewġ partijiet jaqblu li jimplimentaw dan il-Ftehim skond il-prinċipji ta' responsabbiltà kon ġunta, solidarjetà u sħubija ugwali fil-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn l-Ukraina u l-UE.

F'dan il-kuntest il-KE hija impenjata li tagħmel disponibbli r-riżorsi finanzjarji sabiex l-Ukraina tiġi megħjuna fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Fit-twettiq ta' dan, għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tkabbir tal-kapaċità. Din l-għajnuna għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tal-prijoritajiet ġenerali ta' l-għajnuna lill-Ukraina, bħala parti mill-iffinanzjar ġenerali ta' l-Ukraina u b'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri rilevanti ta' l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna tal-KE.